



30.1.2015

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni Nru 1608/2013, imressqa minn Olaf Vollmer, ta' ċittadinanza Ġermaniża, dwar l-assigurazzjoni kontra l-falliment tal-linji tal-ajru għall-vjaġġaturi**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant qed jirreferi għal prattika ta' kumpaniji li joffru vjaġġi b'kollox inkluż fir-rigward tal-assigurazzjoni kontra l-falliment tal-linji tal-ajru għall-vjaġġaturi. Ammont b'rata fissa jitħallas mill-vjaġġaturi għall-akkomodazzjoni u t-trasport kollu, kif ukoll 20% tal-polza tal-assigurazzjoni kontra l-falliment li jkun għamel l-organizzatur. Madankollu, il-kalkoli tal-kost tal-linja tal-ajru huma bbażati fuq figuri għas-sena preċedenti u ma jqisux l-assigurazzjoni, u għalhekk ir-riskji tal-falliment jgħaddu fuq il-vjaġġaturi u l-organizzaturi. Il-petizzjonant qed ifittex, kif xieraq, trattament ugwali għall-organizzaturi u l-linji tal-ajru, sabiex it-tnejn jipprovdu kopertura tal-assigurazzjoni, billi kull wiehied iħallas 20%.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fl-4 ta' Ġunju 2014. Il-Kummissjoni ntabet tagħti informazzjoni skont l-Artikolu 216(6).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

Il-petizzjoni

Il-petizzjonant bażikament qed jitlob lill-UE sabiex testendi l-protezzjoni tal-konsumaturi kontra falliment ta' organizzaturi ta' pakketti għall-vjaġġaturi li jixtru biljetti tal-ajru stand-alone.

Il-prinċipju ta' protezzjoni mill-insolvenza għal organizzaturi ta' vjaġġi jew vaganzi kollox kompriż huwa stipulat fl-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE dwar il-vjaġġi kollox kompriż, il-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż<sup>1</sup>. Skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 90/314/KEE l-organizzatur<sup>2</sup> ta' vjaġġi kollox kompriż għandu "jipprovdi xhieda biżżejjed ta' sigurtà għar-rifużjoni tal-flus li jkunu tħallsu u għar-ripatrijazzjoni tal-konsumatur fil-każ ta' xi falliment."

Il-petizzjonant jirreferi speċifikament għall-obbligu tal-organizzaturi u l-bejjieġha bl-imnut li jipprovdu l-vjaġġaturi b'dokument li jiċċertifika l-protezzjoni minn falliment provdut minn kumpanija tal-assigurazzjoni jew bank ("Sicherungsschein"), kif ukoll il-projbizzjoni li l-vjaġġaturi jintalbu jagħmlu hłas parzjali ta' aktar minn 20 % tal-prezz totali, li huma partikolaritajiet tat-traspożizzjoni Ġermaniża tad-Direttiva 90/314/KEE u l-ġurisprudenza tal-qrati Ġermaniżi.

Hu jenfasizza li l-linji tal-ajru li jbigħu biljetti stand-alone mhumiex soġġetti għal dawn ir-regolamenti u jitolbu l-prezz sħiħ tal-biljett sa sena qabel id-data tat-titjira mingħajr ma jistabbilixxu ebda protezzjoni minn falliment. Hu jinnota li, jekk tour kollox kompriż jinkludi titjira, l-organizzaturi għandhom iħallsu l-linji tal-ajru l-prezz tal-biljett kmieni, iżda jistgħu jitolbu lill-konsumaturi tagħhom biss hłas parzjali li ma jaqbiżx l-20 % u għandhom ikopru r-riskju tal-falliment tal-linja tal-ajru.

Fl-opinjoni tal-petizzjonant, abbażi tal-protezzjoni tal-konsumatur u sabiex titneħħa d-diskriminazzjoni ta' organizzaturi ta' vjaġġi kollox kompriż meta mqabbla mal-linji tal-ajru, il-kunċett ta' "Sicherungsschein", jiġifieri, baziċament l-obbligu li ssir protezzjoni kontra l-falliment, u l-projbizzjoni milli jintalab hłas parzjali ta' aktar minn 20 % għandu japplika wkoll għal-linji tal-ajru.

#### Il-kummenti tal-Kummissjoni

Id-Direttiva 90/314/KEE tkopri kombinazzjonijiet irranġati minn qabel ta' servizzi ta' vjaġġar differenti, pereżempju titjira u akkomodazzjoni f' lukanda, iżda mhux titjiriet stand-alone. Tinkludi obbligu għall-organizzaturi "u/jew bejjieġha bl-imnut li huma parti fil-kuntratt" li joffru protezzjoni minn falliment sabiex il-vjaġġaturi jirċievu rimborż tal-hłasijiet tagħhom u jinġiebu lura d-dar ("ripatrijazzjoni") jekk is-servizzi ta' vjaġġar inklużi fil-pakkett ma jitwettqux bħala konsegwenza ta' falliment tan-negożjant. Din il-protezzjoni ġiet introdotta fl-1990 sabiex tiproteġi l-konsumaturi mir-riskju ta' falliment fil-qasam tal-ivvjaġġar kollox kompriż.

Billi d-Direttiva tistipula l-prinċipju ta' protezzjoni minn falliment, id-dettalji tar-reġim ta' protezzjoni minn falliment huma stipulati fil-liġijiet tal-Istati Membri li jittrasponu d-Direttiva. Id-Direttiva ma tippreskrivix il-kunċett ta' "Sicherungsschein" bħala tali u ma fihix regoli dwar hłasijiet minn qabel. Il-Kummissjoni tifhem li l-projbizzjoni milli jintalbu hłasijiet parzjali ta' aktar minn 20 % tirriżulta mill-applikazzjoni mill-qrati Ġermaniżi tar-regolament Ġermaniżi dwar termini ta' kuntratt mhux ġusti, li jittrasponu d-Direttiva tal-

<sup>1</sup> ĠU L 158, 30.6.1990, p. 59.

<sup>2</sup> Xi Stati Membri jesigħu wkoll li l-bejjieġha bl-imnut (aġenti tal-ivvjaġġar) joffru protezzjoni minn falliment.

Kunsill 93/13/KEE dwar termini mhux ġusti f'kuntratti tal-konsumatur<sup>1</sup>.

Fil-proposta riċenti tagħha għal direttiva modernizzata dwar vjaġġar kollox kompriż<sup>2</sup> il-Kummissjoni pproponiet li testendi l-protezzjoni applikabbli għal pakketti stabbiliti minn qabel skont id-Direttiva 90/314/KEE għall-forom ġodda ta' pakketti li l-vjaġġaturi tipikament jixtru onlajn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pproponiet li tagħti livell minimu ta' protezzjoni għall-hekk imsejħa "arranġamenti tal-ivvjaġġar assistiti", fejn hemm rabta aktar laxka bejn servizzi ta' vjaġġar differenti meta mqabbla mal-pakketti. Jekk tiġi adottata mill-koleġiżlatur, din il-proposta tintroduċi l-obbligu għal-linji tal-ajru li jiffaċilitaw il-kisba ta' servizzi tal-ivvjaġġar addizzjonali għall-istess vjaġġ jew vaganza, eż. l-ibbukkar ta' lukanda jew kiri ta' karozza fid-destinazzjoni tal-vjaġġ, sabiex joffru protezzjoni minn falliment.

Il-proposta tal-Kummissjoni attwalment qed tiġi kkunsidrata mill-Parlament Ewropew, li vvota dwarha fl-ewwel qari tagħha fit-12 ta' Marzu 2014<sup>3</sup>, u l-Kunsill, li adotta approċċ ġenerali fl-4 ta' Diċembru 2014.

Fejn għandhom x'jaqsmu biljetti tal-linji tal-ajru "stand-alone", għandu jkun enfasizzat li l-konsistenza bejn il-leġiżlazzjoni dwar il-vjaġġi kollox kompriż u l-biljetti tal-linji tal-ajru ma timplikax neċessarjament li l-vjaġġaturi "b'titjira biss" jeħtiġilhom igawdu eżatt mill-istess drittijiet bħall-"vjaġġaturi ta' vjaġġ kollox kompriż". Huwa pjuttost l-għan tal-liġi tal-UE li tiproteġi aħjar il-"vjaġġaturi ta' vjaġġi kollox kompriż", peress li l-vjaġġ kollox kompriż jinvolvi relazzjoni kuntrattwali aktar kumplessa u mhux tipika, li tinvolvi għadd ta' fornituri ta' servizzi, tkopri perjodi taż żmien itwal, b'ammonti mħallsa minn qabel li ta' spiss ikunu oġhla.

Għalkemm il-proporzjon ta' passiġġieri affettwati minn falliment tal-linji tal-ajru huwa zġhir ħafna, l-impatt ta' falliment fuq vjaġġaturi individwali jista' jkun konsiderevoli, b'mod partikolari għal dawk li jisfaw 'il bogħod minn darhom. Madankollu, minħabba l-ispiża sinifikanti u diffikultajiet prattiċi tal-protezzjoni minn falliment tal-linji tal-ajru, qabel ma jiġi kkunsidrat li tiġi proposta leġiżlazzjoni ġdida f'dan il-qasam, il-Kummissjoni pproponiet fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-protezzjoni tal-vjaġġaturi fil-każ ta' falliment tal-linja tal-ajru, (COM(2013)129 final) sabiex l-ewwel issaħħaħ is-sorveljanza tal-liċenzjar ta' trasportaturi bl-ajru tal-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 u sabiex tissieħeb ma' assoċjazzjonijiet tal-linji tal-ajru tal-UE sabiex tiżviluppa arranġamenti volontarji (eż. provvista ta' "nollijiet ta' salvataġġ" u miżuri oħra bħall-offerta ta' miżati tal-ajruport imnaqqa f'sitwazzjonijiet bħal dawn).

Fil-25 ta' Novembru 2014, l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IATA) ħabbret ftehim sabiex tifformalizza n-nollijiet ta' salvataġġ. Ftehim volontarju tal-IATA f'isem il-membri tagħha li qed itiru lejn, minn u fl-Ewropa se jkopru r-ripatrijazzjoni tal-

<sup>1</sup> ĠU L 95, 21.4.1993, p. 29-34

<sup>2</sup> Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-vjaġġi kollox kompriż u arranġamenti tal-ivvjaġġar assistiti, li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004, id-Direttiva 2011/83/UE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE, COM(2013)512 finali

<sup>3</sup> Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2014 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-vjaġġi kollox kompriż u arranġamenti tal-ivvjaġġar assistiti, li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004, id-Direttiva 2011/83/UE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE, COM(2013)0512 - C7-0215/2013 - 2013/0246(COD)) (Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari).

passiġġieri li ma jistgħux jirritornaw lura d-dar minħabba li linja tal-ajru tkun waqqfet l-operat tagħha b'risultat ta' falliment finanzjarju (jekk jogħġbok ara l-istqarrija għall-istampa tal-IATA fuq: [HYPERLINK "http://www.iata.org/pressroom/pr/Pages/2014-11-25-01.aspx"](http://www.iata.org/pressroom/pr/Pages/2014-11-25-01.aspx) <http://www.iata.org/pressroom/pr/Pages/2014-11-25-01.aspx>).

Barra minn hekk fil-proposta tagħha għal reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 (COM(2013)130 final), il-Kummissjoni pproponiet il-ħolqien ta' pjanijiet ta' kontinġenza li jiġu attivati f'sitwazzjonijiet ta' kanċellamenti multipli ta' titjiriet b'mod li l-ajruport, il-linji tal-ajru u l-kumpaniji ta' groundhandling ikunu kkoordinati sabiex jgħinu b'mod effettiv lill-passiġġieri li jiġu abbandunati. Pjanijiet ta' kontinġenza bħal dawn ikopru wkoll sitwazzjonijiet fejn dawn il-kanċellamenti jkunu ġew attivati minħabba falliment ta' linja tal-ajru.